ART 244 TAL-KAP 16 TAL-LIGIJIET TA' MALTA

UZU TA' KUNJOM TA' XEBBA BHALA PARTI MILL-ISMIJIET MOGHTIJA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2018

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 29/2017/LSO**

**L-Avukat Dr Luke Frendo (I.D.202586M) bhala mandatarju specjali ta' Dana Banga (Passaport American Nru.: 505407786)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u b' digriet tal-21 ta' Frar 2017 gie kjamat fil-kawza d-**

**Direttur tac-Cittadinanza fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-Avukat Dr. Luke Frendo (I.D.202586M) bhala mandatarju specjali ta' Dana Banga [Passaport American Nru.: 505407786) datat 27 ta’ Novembru 2017 a fol 76 tal-process, li ssostitwixxa r-rikors guramentat ipprezentat fil-11 ta' Jannar 2017, fejn bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi l-attrici twieldet fit-18 ta' Frar 1984 gewwa New Jersey l-Istati Uniti u hija bint Kerry u Karyn konjugi Kulik;

Illi l-attrici giet irregistrata fl-att tat-twelid taghha bhala Dana Nicole Kulik u dana kif jirrizulta mill-att tat-twelid taghha, li kopja tieghu jinsab anness u markat bhala Dok. DB1;

Illi fis-6 ta' Jannar tas-sena 2013, l-attrici zzewget lil Angad Banga u dana kif jirrizulta mill-att taz-zwieg taghha li kopja tieghu tinsab annessa u markata bhala Dok. DB2;

Illi wara z-zwieg taghha, l-attrici adottat kunjom zewgha, ossija Banga;

Illi wkoll wara z-zwieg taghha l-attrici inkorporat kunjomha xebba, ossija Kulik, bhala parti minn isimha, b'dana illi isimha sar Dana Kulik u kunjomha Banga;

Illi mid-data taz-zwieg taghha ‘l quddiem, l-attrici kienet dejjem maghrufa bhala Dana Kulik Banga u dana kif jirrizulta mis-segwenti dokument ufficjali:

(a) Kopja awtentikata tal-passaport Amerikan tal-attrici (Dok. DBS)

(b) Kopja awtentikata tal-karta tal-identita` tal-attrici gewwa Hong Kong (Dok. DB4);

(c) Kopja awtentikata tal-permess ta' residenza tal-attrici gewwa Malta (Dok. DBS);

Illi l-attrici dejjem uzat l-isem Dana Kulik Banga mid-data taz-zwieg taghha ‘l quddiem;

Illi l-attrici applikat ghac-Cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap.188 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi effettivament l-attrici akkwistat ic-Cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni u dana kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija datat 5 ta' Settembru 2016, li kopja awtentika tieghu tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. DB6;

Illi kif espost l-attrici hija maghrufa bhala u tuza l-isem Dana Kulik Banga u mhux l-isem Dana Nicole Banga, kemm informalment u kif ukoll ufficjalment;

Illi s-sitwazzjoni attwali qed tohloq konfuzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjizi varji u tali sitwazzjoni ghandha tigi regolarizzata sabiex ikun hemm konformita` mal-istat attwali u konsegwentement l-isem ufficjali tar-rikorrenti kull fejn necessarju ghandu jigi jaqra "Dana Banga" sabiex b'hekk tigi evitata kull possibbilita` ta' konfuzjoni;

Ghaldaqstant ir-rikorrent *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tordna li *a tenur* tal-Art. 254(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-inqas hmistax (15)-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi permezz tieghu kull min ikollu interess, jigi msejjah sabiex jiddikjara, fi zmien hmistax-il gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dak l-avviz, bil-mezz ta' nota, jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba tar-rikorrenti;

2. (kancellata)

3. Tordna *ai termini* tal-Art. 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li:

(a) issir korrezzjoni fic-Certifikat ta' Twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru 4759 tas-sena 2016 u dana billi t-tieni isem tar-rikorrenti u cioe` "Nicole" jigi kancellat u konsegwentement isem ir-rikorrenti fl-imsemmi certifikat jigi jaqra "Dana Kulik"; u

(b) issir korrezzjoni fic-Certifikat taz-Zwieg tar-rikorrenti li jgib in-numru 2881 tas-sena 2016 u dana billi t-tieni isem tar-rikorrenti u cioe` "Nicole" jigi kancellat u konsegwentement isem ir-rikorrenti fl-imsemmi certifikat qabel izzewget lil Angad Banga jigi jaqra "Dana Kulik" bir-rizultat li wara z-zwieg taghha isem ir-rikorrenti jigi jaqra "Dana Banga";

4. Tordna, *ai termini* tal-Art 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-bdil/korrezzjonijiet effettwati fl-atti msemmija jigu riflessi f’ kull att tal-istat civili relattiv ghall-attrici;

5. Tordna *ai termini* tal-Art. 256(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data ta' meta s-sentenza tghaddi in gudikat id-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti mir-Registratur, u sabiex l-istess Direttur *entro* l-istess terminu jaghmel il-korrezzjonijiet/tibdil ordnati minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha;

Rigward l-ispejjez ta' din il-procedura, dawn ghandhom jigu ssopportjati mill-attrici b'eccezzjoni ta' dawk l-ispejjez konnessi mar-risposta mahlufa tal-intimat fil-kaz illi dan tal-ahhar jikkontesta t-talba rikorrenti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta' Frar 2017 (fol 24) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* **tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

2. Illi r-rikorrent *noe* jidher illi qed titlob illi ssir korrezzjoni fic-certifikat ta' Cittadinanza Maltija datat 5 ta' Settembru 2016 u numerat 4106 a bazi **tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16**;

3. Illi fl-ewwel lok qed jigi eccepit illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku **<u>mhuwiex il-leggitimu kontradittur</u>** *ai termini* **tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** *stante* illi certifikat ta' cittadinanza jinhareg mid-Direttur tac-Cittadinanza li huwa distint u separat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess fit-tieni lok, ghal kull *buon fini* jintqal illi l**-artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili** fuq liema r-rikorrent *noe* qed jibbaza t-talba tieghu

**ma japplikax** ghal dan il-kaz *stante* illi dan l-imsemmi artikolu jippermetti li ssir talba gudizzjarja ghall-korrezzjoni jew thassir ta' registrazzjoni jew ghar-registrazzjoni ta' att illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun irrifjuta li jircievi. Ghalhekk *in vista* ta' dan jidher car illi dan l-artikolu ma japplikax ghal certifikati ta' cittadinanza *stante* illi kif diga' gie spjegat dan ma jinharigx mid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

5. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

L-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 21 ta’ Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr Reuben Farrugia. Dr Farrugia *in visto* tat-tieni (2) u tielet (3) eccezzjonijiet solevati, talab il-kjamat in kawza, *ai termini* tal-Art 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tad-Direttur tac-Cittadinanza. Il-Qorti laqghet it-talba, ordnat il-kjamat in kawza tal-persuna msemmija u ordnat il-korrezzjoni rikjesta. Dr Farrugia talab is-segwenti korrezzjonijiet: korrezzjoni fit-tielet (3) talba u dan fis-sens li wara l-kliem korrezzjoni jizdiedu l-kliem "f’ kull att jew registrazzjoni li

jaqghu fil-kompetenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u kif ukoll fic-", u fil-hames (5) talba wara l-kliem Registru Pubbliku jizdiedu l-kliem "u d-Direttur tac-Cittadinanza". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet rikjesti fit-talbiet indikati, kif ukoll ordnat in-notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur Intimat li kellu ghoxrin (20) jum biex jipprezenta okkorrendo risposta ulterjuri ghat-talba kif korretta, u kellu jghaddi ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat kif korrett. Il-kawza giet differita ghan-notifika tal-kjamat in kawza ghat-23 ta' Marzu 2017 fid-9:30a.m. Aktar tard dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur intimat li hadet konjizzjoni ta' dan il-verbal.

**Risposta Guramenta Ulterjuri tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 3 ta' Marzu 2017 a fol 34 tal-process** fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in vista* tal-verbal moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Frar tal-2017, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti illi jigi kjamat in kawza d-Direttur tac-Cittadinanza fil-proceduri istanti u *di piu'* tilqa' ukoll il-korrezzjonijiet mitluba mir-rikorrenti rigward it-tielet u l-hames talba fir-rikors guramentat taghha;

2. Illi *stante* s-suespost, din l-Qnorabbli Qorti fl-istess verbal imsemmi fil-paragrafu precedenti, talbet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jipprezenta din ir-risposta ulterjuri ghat-talba kif korretta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-Direttur tar-Registru Pubbliku filwaqt li ma joggezzjonax ghal tali korrezzjoni huwa jsostni illi huwa xorta wahda jzomm fi shih mar-risposta guramentata tieghu, b'mod partikolari mal-eccezzjonijiet sollevati minnu fl-istess risposta guramentata;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess fil-paragrafu precedenti, rigward tali korrezzjoni li saret fit-tielet talba tar-rikors guramentat tar-rikorrenti sabiex din it-talba tigi taqra hekk: *"(3) Tordna ai termini tal-Art. 253(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir korrezzjoni f'kull att jew registrazzjoni li jaqghu fil-kompetenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u kif ukoll fic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija datat 5 ta' Settembru 2016 u numerat 4106, fis-sens illi isem l-attrici jigi jaqra "Dana Kulik Banga" minflok "Dana Nicole Banga"',* id-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti ghandha *ai termini* tal-Artikolu 253 sub-inciz 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat Civili li fihom hija tixtieq illi tali korrezzjoni tigi riflessa;

Ghaldaqstant, filwaqt li l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, huwa daqstant ghandu x'jissottometti f'dan l-istadju ghas-savju u ghaqli gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**Rat ir-Risposta tad-Direttur tac-Cittadinanza u l-*Expatriates* datata 10 ta' April 2017 a fol 39 tal-process** fejn Dr Charlene Zammit ghan-nom u in rapprezentanza

tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :

1. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-integrita` tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li l-attrici ghandha tidher bhala *'L-Avukat Dr. Luke Frendo (I.D. 202586M) bhala mandatarju specjali ta' Dana Nicole Banga (Passaport Amerikan Nru: 505407786)' stante* li dan tal-ahhar huwa l-isem proprju li jappartjeni lill-attrici skont l-Att tat-Twelid esteru, anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala 'Dok. DB 1';

2. Illi preliminarjament, l-esponenti tecepixxi l-impossibbilita' tal-azzjoni odjerna fil-konfront taghha in kwantu li **l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'** Malta jirreferi biss ghal ordnijiet li jistghu jinhargu ghal bdil ta' registrazzjonijiet ta' Atti Civili mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku u mhux ghal bdil ta' Certiflkati mahruga mill-esponenti;

3. Illi l-esponenti tirrileva illi l-attrici applikat ghac-Cittadinanza Maltija b'naturalizazzjoni skont l-artikoli **tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta.** Izda certiflkati ta' naturalizzazzjoni jaqghu fl-isfera tal-Istat li huma intrinsikament marbuta mal-prerogattiva tal-Istat u li certifikati ta' naturalizzazzjoni mahruga mill-esponenti lanqas ma huma kunsidrati bhala Atti li jistghu jigu suggetti ghall-korrezzjoni abbazi tal-Kodici Civili;

4. Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tistqarr li mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

5. Illi fil-mertu l-esponenti tirrileva illi l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi fir-*'Request for Registration Form'* ghac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, liema formola giet mimlija u sottomessa nhar is-26 ta' Lulju tal-2016, li tinsab ukoll hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DCE 1', il-mandatarju specjali tal-attrici l-Avukat Dottor Luke Frendo indika fost ohrajn illi isem l-attrici huwa dak ta' *'Dana Nicole' u* li kunjomha fit-twelid kien dak ta' *'Kulik'* u dan kif inhu ukoll rifless fic-certifikat tat-twelid tal-attrici anness mar-rikors promotur. F'dan l-istadju kien ukoll rilevat lill-ufficjali tad-Dipartiment, illi l-attrici hija mizzewga lil Angad Banga u li l-istess attrici hadet kunjom zewgha, ossia *''Banga'.* Dan gie ukoll verifikat mis-*'Sworn Declaration re Surname of Bride on Marriage',* liema dokument huwa anness u mmarkat bhala 'Dok. DCE 2', fejn l-attrici nnifisha ffirmat u ddikjarat taht gurament illi wara z-zwieg hija addottat biss kunjom zewgha. Barra minn hekk, dan huwa ukoll ikkonfermat fir-rikors guramentat.

7. Illi *stante* l-premess, ic-Certifikat tac-Cittadinanza inhareg abbazi ta' din l-informazzjoni li forniet l-istess attrici u ghalhekk fuq ic-certifikat in kwistjoni isem u kunjom l-attrici huma *'Dana Nicole Banga*';

8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti illi l-informazzjoni inserita fid-dokumenti pprezentati mar-rikors gurament hija zbaljata. Dan ghaliex, dawn id-dokumenti qed jirriflettu dettalji zbaljati dwar l-attrici *stante* li dawn qed jindikaw illi isem l-attrici huwa *'Dana Kulik'* u kunjomha huwa *'Banga';*

9. Illi *stante* l-premess, id-Direttur tac-Cittadinanza ma tistax taccetta tali korrezzjoni ghaliex l-informazzjoni li hija inserita (i) fil-kopja awtentika tal-passaport Amerikan tal-attrici, (ii) fil-kopja awtentika tal-karta tal-identita' tal-attrici gewwa Hong Kong u (iii) fil-kopja awtentika tal-permess ta' residenza gewwa Malta tal-attrici, hija zbaljata u d-Direttur tac-Cittadinanza hija prekluza milli taghmel tali korrezzjonijiet;

10. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr Luke Frendo bhala mandatarju specjali ta' Dana Banga, datat 18 ta' Mejju 2017 a fol 48 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti joghgobha tordna

li fir-rikors guramentat promotur jsiru t-tibdiliet indikati fir-rikors odjern u dan *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Qorti : rat ir-rikors tar-rikorrenti *nomine* datat it-18 ta' Mejju 2018; rat ir-risposta tal-intimat fejn ma opponix; rat l-artikolu tal-Kap 12 Tal-Ligijiet ta' Malta, u laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjonijiet kif mitluba fir-rikors promotur, u tat lill-intimat il-jedd li jipprezenta risposta guramentata ulterjuri ghar-rikors kif korrett fi zmien ghoxrin jum li kellu jibda jiddekorri mid-data tad-differiment li kien imiss, u dan gie moghti bid-digriet taghha tad-19 ta' Gunju 2017 (fol 53).

**Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta' Lulju 2017 a fol 67** tal-process fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :

1. Illi l-esponent qed jipprezenta din ir-risposta guramentata ulterjuri *in vista* tal-fatt li permezz tad-digriet datat 19 ta' Gunju 2017, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba kif dedotta mir-rikorrenti u sussegwentament tat lill-esponent il-fakulta' li jipprezenta risposta guramentata ulterjuri;

2. Illi r-rikorrenti twieldet fis-sena 1984 gewwa New Jersey fl-Istati Uniti u dan skont l-Att tat-Twelid Esteru li gie anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala 'Dok. DB 1';

3. Illi fis-sena 2013 ir-rikorrenti zzewget lil Angad Banga gewwa l-Hong Kong u dan skont l-Att taz-Zwieg li gie anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala 'Dok. DB 2'. Ir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha ddikjarat illi maz-zwieg hija ddecidiet li tassumi kunjom zewgha u b'hekk l-isem li beda jappartjeni lilha wara l-istess zwieg kien dak ta' *'Dana Nicole Banga';*

4. Illi sussegwentament u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti applikat ghac-Cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni skont il-Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta, u eventwalment inhareg lir-rikorrenti Certifikat tac-Cittadinanza, liema Certifikat anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala 'Dok. DB 6'. Dan ic-Certifikat inhareg fuq l-isem ta' *'Dana Nicole Banga*';

5. Illi *stante* s-suespost, ir-rikorrenti kellha dritt sabiex *ai termini* tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tirregistra l-Att tat-Twelid u l-Att taz-Zwieg taghha mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku;

6. Illi Artikolu 244 tal-Kodici Civili jaghti s-setgha lid-Direttur konvenut jirregistra dawk l-atti ta' twelid li kienu maghmula jew registrati minn awtorita' kompetenti f' pajjiz esteru, fic-cirkostanza li d-Direttur ikun sodisfatt mill-awtenticita' tal-Att esteru. Izda tajjeb li jigi sottolinejat illi f' kaz ta' registrazzjonijiet ta' Atti esteri, l-ufficjali tar-Registru Pubbliku jnizzlu *ad verbatim* l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Atti barranin, liema Atti jkunu gew forniti lid-Dipartiment mill-applikanti nfushom;

7. Illi fil-kaz odjern, meta r-rikorrenti ghamlet it-talba taghha ghar-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid u l-Att taz-Zwieg taghha esteri mad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku Malti, hija forniet lill-istess Dipartiment, l-Att tat-Twelid u l-Att taz-Zwieg Esteri annessi mar-rikors guramentat *ai fini* ta' registrazzjoni. Ghaldaqstant id-Dipartiment irregistra dawn iz-zewg atti skont l-informazzjoni li kien hemm misjuba fil-Atti esteri u b'hekk fl-Att tat-Twelid u fl-Att taz-Zwieg Malti r-rikorrenti giet imnizzla bl-isem ta' *'Dana Nicole Kulik'* bhala xebba u sussegwentament mid-data taz-zwieg 'il quddiem isimha legalment inbidel ghal *'Dana Nicole Banga' stante* li r-rikorrenti kienet irrinunzjat ghal kunjomha xebba u hadet minflok dak ta' zewgha;

8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f' dan l-istadju permezz tar-rikors guramentat taghha l-attrici qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex abbazi tal-Artikolu 253 sub-inciz 2 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, taghti d-direzzjonijiet taghha biex b'hekk isem ir-rikorrenti fl-Att tat-Twelid u l-Att taz-Zwieg Malti, jinbidel minn *'Dana Nicole'* ghal *'Dana Kulik'* filwaqt li zzomm kunjomha *'Banga';*

9. Illi r-rikorrenti tishaq illi hija qed taghmel tali talba ghaliex wara z-zwieg taghha, hija dejjem kienet maghrufa bhala *'Dana Kulik Banga'* u sabiex tissostanzja t-talba taghha, ir-rikorrenti annettiet mar-rikors guramentat, (i) Kopja awtentika tal-passaport Amerikan tal-attrici, (ii) Kopja awtentika tal-karta tal-identita' tal-attrici gewwa l-Hong

Kong, u (iii) Kopja awtentika tal-permess ta' residenza tal-attrici gewwa Malta;

10. Illi dan ifisser illi skont it-talba kif dedotta, ir-rikorrenti qed titlob illi kunjomha xebba, ossia *'Kulik',* liema kunjom gie rinunzjat maz-zwieg taghha ma' Angad Banga, ghandu jigi ddikjarat minn din l-Onorabbli Qorti bhala t-tieni isem taghha minflok *'Nicole'* u dan minkejja li tali tibdil ma giex registrat fl-Att tat-Twelid u fl-Att taz-Zwieg esteri originali tar-rikorrenti;

11. Illi l-esponent jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti billi jissottolineja illi f' okkazzjonijiet simili, il-prova li fuqa tibbaza ruhha din l-istess Qorti ma humiex il-passaporti, karti tal-identita' jew permessi ta' residenzi, izda tistrieh fuq l-Atti Civili ghaliex tali dokumenti biss jistghu primarjament jaghtu c-certezza u l-konkretezza assoluta rigward l-identita' u l-istatus ta' persuna gewwa pajjiz;

12. Illi l-esponent jissottmetti li l-unika mod ta' kif jistghu jigu kkorreguti atti civili li gew rregistrati *tramite* Artikolu 244 tal-Kodici Civili, huwa jekk l-atti originali esteri jigu kkorreguti jew emendati mill-Awtoritajiet barranin li jkunu hargu l-att in kwistjoni. Minkejja dan, fil-kaz odjern, ma jidhirx li saret xi forma ta' registrazzjoni ta' bidla fuq l-Att tat-Twelid u l-Att taz-Zwieg tar-rikorrenti;

13. Illi jekk tali bidla fl-Att Civili esteru ma tkunx saret, bidla fl-Att Civili Malti ma tistax ssir u dan ghaliex persuna li jkollha iktar minn cittadinanza wahda ma jistax ikollha Atti

Civili li ma jirrispekjawx lil xulxin ghaliex hekk tinholoq konfuzjoni shiha rigward l-identita' ta' persuna;

14. Illi l-esponent jirrileva illi ma jirrizultax mill-Att tat-Twelid u l-Att taz-Zwieg Malti tar-rikorrenti, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

15. Illi ghal tali motivi u ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza jidher illi t-talba kif dedotta ma tinkwadrax taht dak li jahseb ghalih l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Madanakollu, l-esponent huwa tal-fehma li jekk it-talba tar-rikorrenti tkun li jsimha jkun jidher bhala *'Dana Kulik'* fl-Atti Civili Maltin u wara z-zwieg tkun maghrufa bhala *'Dana Banga' stante* li r-rikorrenti assumiet kunjom zewgha, l-esponenti jkun f'pozizzjoni li jikkunsidra tali talba;

16. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

17. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 28 ta' Novembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet.

Il-Qorti rat ir-rikors tar-rikorrent *noe* tas-27 ta' Novembru 2017, mhux oppost, u laqghet t-talba u ordnat il-korrezzjonijiet hemm indikati fl-atti u kull fejn hu mehtieg. Ghal kull *buon fini* r-rikorrent annetta rikors kif korrett u l-Qorti irriservat li tordna s-sostituzzjoni tal-istess. Dr Ellul tat ruhha b'notifikata ghar-rikors kif korrett ghall-intimat u ghall-kjamat in kawza. Dr Ellul ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku u ghad-Direttur tac-Cittadinanza, iddikjarat li wara li hadet konjizzjoni tar-rikors guramentat kif korrett, u kif ukoll tan-nota li permezz taghha gewipprezentati l-att tat-twelid u taz-zwieg tar-rikorrenti, hija irrimettiet ruhha ghas-savju u ghaqli gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv ghall-ispejjez tal-procedura istanti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-18 ta' Jannar 2017 (fol 20) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi tibda biex tghid li din il-kawza ghaddiet minn varji sfumaturi u trasformazzjonijiet tul il-proceduri sa fl-ahhar ir-rikors guramentat gie sostitwit ghall-kjarezza u kemm l-intimat, kif ukoll il-kjamat fil-kawza, taw ruhhom b'notifikati u rrimettew ruhhom ghall-gudizzju ta' din il-Qorti. Illi wara li saru diversi korrezzjonijiet, ir-rikors guramentat muri a fol 76-80 jirraprezenta l-verzjoni finali bil-korrezzjonijiet kollha awtorizzati u ghandu jitqies bhala r-rikors promotur f'din il-kawza.

Referibbilment ghat-tieni u t-tielet eccezzjoni tad-Direttur intimat, gie kjamat in kawza id-Direttur tac-Cittadinanza b’digriet datat 21 ta’ Frar 2017 (fol 31) b’hekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet eccezzjoni.

Illi r-rikorrenti qed titlob li simha fuq l-att tat-twelid numru 4759 tas-sena 2016, kif registrat hawn Malta, jigi korrett, billi jitnizzel l-isem “Dana Kulik” minnflok l-isem registrat “Nicole”. Illi r-rikorrenti qed titlob ukoll, li ssir korrezzjoni fl-att taz-zwieg 2881 tas-sena 2016, kif registrat, billi t-tieni isem “Nicole” jigi kkancellat, u konsegwentement isem ir-rikorrenti fl-imsemmi certifikat qabel izzewget lil Angad Banga jigi jinqara "Dana Kulik" bir-rizultat li wara z-zwieg taghha isem ir-rikorrenti jinqara "Dana Banga."

F’risposta ulterjuri pprezentata fit-3 ta’ Marzu 2017(fol 34), id-Direttur tar-Registru Pubbliku sostna li ma joggezzjonax ghall-korrezzjoni mitluba, ghalkemm izomm fis-shih l-eccezzjonijiet precedentement sollevati.

Madanakollu f'risposta ulterjuri pprezentata fl-10 ta' Lulju 2017 (fol 67-69), wara li nghata l-fakolta` minn din il-Qorti permezz ta' digriet datat 19 ta' Gunju 2017, gie sostnut, li meta r-rikorrenti applikat ghac-cittadinanza Maltija b'naturalizazzjoni skont il-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta, ic-certifikati nhargu fuq l-informazzjoni forniti fl-istess atti esteri prodotti mill-istess rikorrenti. It-talba odjerna hija sabiex jigi dikjarat il-kunjom taghha xebba "Kulik" wara li hi kienet irrinunzjat ghalih wara z-zwieg, u dan minkejja li dan li qed jintalab ma kienx rifless fl-atti esteri pprezentati mill-istess rikorrenti. B'hekk gie eccepit, li dak mitlub mhuwiex dak mahsub skont l-artikolu 244 tal-Kap16. Izda, l-istess Direttur intimat eccepixxa, li jekk it-talba tkun li isimha jkun "Dana Kulik" fl-atti civili Maltin, u wara z-zwieg tkun maghrufa bhala "Dana Banga" *stante* li assumiet kunjom zewgha, it-talba taghha tkun tista' tigi kkunsidrata.

Jigi osservat, li in segwitu, r-rikorrenti pprezentat rikors ulterjuri *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap 12, fejn intalbu l-korrezzjonijiet hemm indikati, liema korrezzjonijiet mitluba huma in linea ma' dak indikat fir-risposta ulterjuri tal-intimat, kif inghad hawn fuq.

Ikkonsidrat, li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza, wara li ha konjizzjoni tar-rikors kif korrett, li gie pprezentat fil-mori ta' dan il-kaz.

Referibbilment ghall-eccezzjonijiet preliminari tad-Direttur tac-Cittadinanza, tilqa' it-tieni eccezzjoni preliminari, u

tiddikjara li d-Direttur tac-Cittadinanza u l-*Expatriates* mhuwiex il-legittimu kontradittur. Illi skont l-artikolu 253, l-ordnijiet ghall-korrezzjonijiet fl-atti civili jistghu jinghataw biss mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Kwindi, id-Direttur tac-Cittadinanza u l-*Expatriates* ma kellux jigi mharrek, konsegwentement, qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ikonsidrat li *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi li:

*"**244**.(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' Mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu."*

*"(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet smili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor, dan jigi registrat skont id-dettami tal-istess artikolu 244, billi jigi riprodott dak imnizzel fic-certifikat esteru. Hekk fil-fatt sar fil-kaz in

ezami, billi d-Direttur tar-Registru Pubblika rriproduca dak indikat fl-att esteru.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi mar-rikors promotur, gie esebit kopja awtentika tal-passaport Amerikan tar-rikorrenti, kopja awtentika tal-karta tal-identita` tar-rikorrenti gewwa Hong Kong, u kopja awtentika tal-permess ta' residenza gewwa Malta. Jinghad fl-ewwel lok, li fil-passaport Amerikan Dok DB3 a fol 11, ir-rikorrenti hi indikata bhal Dana Kulik bil-kunjom Banga. L-istess hi indikata f'Dok DB4 u Dok DB5, fil-kopja tal-karta tal-identita` taghha f'Hong Kong. Illi fic-certifikat tac-cittadinanza Dok DB6 a fol 14, hija indikata bhal Dana Nicole Banga. Jigi osservat, li hemm divergenza bejn l-atti esteri esebiti u Dok DB6 a fol 14.

Illi fic-certifikat tat-twelid esteru, a fol 8 ir-rikorrenti hija indikata bhala Dana Nicole Kulik, u jirrizulta li kunjom missierha kien Kulik, fl-istess certifikat. Izda, wara z-zwieg, hi rrinunzjat ghall-kunjom Kulik, u adottat il-kunjom Banga. Illi hawnhekk, din il-Qorti taqbel ma' dak eccepit mill-intimat, li oltre` dawn id-dokumenti esebiti, iridu jigu evalwati wkoll l-atti tal-istat civili. Jirrizulta li r-rikorrenti esebiet kopja awtentika ta' parir legali bil-miktub datat 4 ta' Lulju 2017, dwar il-legalita` tal-prattika komuni fl-Istati Uniti dwar l-adottar tal-kunjom ta' xebba f' *'middle name'*. Skont dan il-parir, it-tibdil mitlub hija ammissibbli fl-Istati Uniti fejn twieldet ir-rikorrenti.

Madanakollu ma jirrizultax mill-provi li l-istess rikorrenti effettivament talbet lil tirregistra tali tibdil fuq ic-certifikat tat-twelid taghha. Hawnhekk tikkondividi t-tezi tal-Intimat li meta *si tratta* ta' registrazzjoni abbazi tal-artikolu 244 tal-Kodici Civili ta' Malta, jehtieg li l-atti originali esteri jigu korregguti - prova li ma saritx f'dan il-kaz. Inoltre t-talba qed issir b'referenza ghac-certifikati emmessi mill-awtoritajiet Maltin u huwa evidenti li talbiet simili ghandhom ikunu konformi mal-Ligijiet ta' Malta. F'tali kaz, tajjeb eccepixxa l-intimat li r-rikorrenti irrinunzjat ghal kunjom xbubitha "Kulik" maz-zwieg.

Illi din il-Qorti, wara li kkonsidrat li l-intimati, fir-risposta taghhom tal-10 ta' Lulju 2017, irregistraw l-adezjoni ghat-talba purke isem ir-rikorrenti jidher bhala Dana Kulik fl-att tat-twelid, u Dana Banga fl-att taz-zwieg, ser tghaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fid-dawl ta' dak imfisser b'din l-adezjoni.

Ghalhekk ser tilqa' t-talba taghha u tordna li l-att tat-twelid, kif registrat, ghandu jigi korrett billi jigi kkancellat it-tieni isem tar-rikorrenti "Nicole" b'hekk isem ir-rikorrenti jigi indikat bhala "Dana Kulik". Bl-istess mod, tista' tintlaqa' t-talba ghall-korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg kif registrat, b'mod li qabel iz-zwieg, l-att jindika lir-rikorrenti bhala "Dana Kulik" u "Dana Banga" wara z-zwieg. Dan huwa konformi ma' dak sollevat fl-eccezzjoni ulterjuri tad-Direttur intimat, a fol 69 tal-process.

Izda, peress li ma jirrizultax li sar l-ebda zball da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-registrazzjoni tal-atti civili. l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

Referibbilment ghar-raba' talba fir-rikors kif korrett, din ma saritx fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha sabiex jigi riservat lir-rikorrenti l-possibilita` li tiddeduci talbiet ulterjuri in gudizzju jekk ikun il-kaz.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi filwaqt li tillibera lid-Direttur tac-Cittadinanza u *Expatriates* mill-osservazzjoni tal-gudizzju, tichad dawk l-eccezzjonijiet li mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza, u tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti biss skont kif gej:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba billi gja giet sorvolata.

Tilqa' it-tielet talba' u konsegwentement:

(a) issir korrezzjoni fic-Certifikat ta' Twelid tar-rikorrenti li jgib in-numru 4759 tas-sena 2016 u dan billi t-tieni isem tar-rikorrenti u cioe` "Nicole" jigi kancellat u konsegwentement isem ir-rikorrenti fl-imsemmi certifikat jigi jaqra "Dana Kulik"; u

(b) issir korrezzjoni fic-Certifikat taz-Zwieg tar-rikorrenti li jgib in-numru 2881 tas-sena 2016 billi t-tieni isem tar-rikorrenti u cioe` "Nicole" jigi kancellat u konsegwentement isem ir-rikorrenti fl-imsemmi certifikat qabel izzewget lil Angad Banga jigi jaqra "Dana Kulik" bir-rizultat li wara z-zwieg taghha isem ir-rikorrenti jigi jaqra "Dana Banga";

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ghar-raba' talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Tordna *ai termini* tal-Art. 256(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data ta' meta s-sentenza tghaddi in gudikat id-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotiflkat b'kopja vera tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti mir-Registratur, u sabiex l-istess Direttur *entro* l-istess terminu jaghmel il-korrezzjonijiet/tibdil ordnati minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha;

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Jannar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2018**